



Brussell, 16 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15151/19

AGRI 621
FORETS 66
ENV 1026
PROCIV 105
JUR 708
DEVGEN 247
RELEX 1173
UD 334
PROBA 57
FAO 61

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Diċembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2019)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq adottati mill-Kunsill fis-16 ta' Diċembru 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,

FILWAQT LI JFAKKRU:

Fir-rati allarmanti tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti kif ukoll l-inċidenzi ta' nirien forestali mifruxa u devastanti;

Li s-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2015 afferma mill-ġdid il-prinċipji tad-Dikjarazzjoni ta' Rio dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-għan 15 u it-tieni mira tiegħu, li tagħmel referenza għall-ġestjoni sostenibbli tat-tipi kollha ta' foresti, it-twaqqif tad-deforestazzjoni, ir-restawr ta' foresti degradati u ż-żieda sostanzjali tal-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni sal-2020;

Fil-ftehimiet globali eżistenti, l-impenji u l-oqfsa li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u r-restawr tal-foresti bħall-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità għall-2011-2020 globali u l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi tiegħu, u l-Pjan Strateġiku tan-NU dwar il-Foresti u l-Għanijiet Globali Forestali tiegħu;

Fl-importanza li jiġi appoġġat ir-rwol tal-foresti fil-konservazzjoni u t-titjib tal-bjar u r-riżervi ta' gassijiet serra u r-rwol tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti fil-produzzjoni ta' materjali rinnovabbli sostenibbli u fis-sostituzzjoni ta' materjali fossili u b'intensità għolja ta' karbonju bħala kontribut għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi;

Fl-isforzi mill-UE u l-Istati Membri tagħha fl-indirizzar tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità 2020, is-seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta nadifa għal kulħadd", li tippreżenta viżjoni strateġika fit-tul għal ekonomija tal-UE għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) u r-Regolament tal-UE dwar l-Injam¹, kif ukoll azzjonijiet oħra bħas-Sħubija tad-Dikjarazzjoni ta' Amsterdam u d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016 dwar l-evalwazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT u r-rieżami tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam²;

Fl-appoġġ tal-UE u l-Istati Membri tagħha lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-pjanijiet nazzjonali fir-rigward tar-REDD+³;

Fin-natura dinamika tal-bidliet fl-użu tal-art u ċ-ċirkostanzi nazzjonali u lokali differenti;

Fir-rwol tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti⁴ u l-bijodiversità tal-foresti fil-manutenzjoni tas-servizzi u l-funzjonijiet tal-ekosistemi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, l-għajxien u l-benesseri tal-bniedem, inkluż permezz tal-forniment ta' ikel, għalf, ilma, injam, fibra, karburant, mediċina, rikreazzjoni, kif ukoll il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, filwaqt li jieħdu nota tal-importanza partikolari tal-foresti naturali għall-bijodiversità kif ukoll l-importanza ta' governanza tajba, sistemi siguri u prevedibbli ta' pussess tal-art u ppjanar integrat tal-użu tal-art;

¹ Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam

² 10320/1/16 REV 1

³ It-tnaqqis tal-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u r-rwol tal-konservazzjoni, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u t-tisħiħ tal-ħażniet ta' karbonju tal-foresti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (REDD+)

⁴ Risoluzzjoni H1 mit-Tieni Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, 16-17 ta' Ġunju 1993, Helsinki, Finlandja

Fit-telf u d-deterjorament globali tal-ekosistemi tal-foresti u tas-servizzi tagħhom kif ukoll fil-kawżi diretti u indiretti tagħhom kif identifikati fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi tal-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi (IPBES)⁵, u l-impatti ta' dan it-tnaqqis fuq il-benesseri tal-bniedem;

Fir-rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel u l-flussi ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-ekosistemi terrestri⁶, li jirrikonoxxi li l-emissjonijiet netti mill-art huma l-aktar minħabba d-deforestazzjoni, u l-għażliet issuġġeriti tiegħu għal azzjoni;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2019⁷ li jesprimu tħassib serju dwar is-sejbiet xjentifiċi tal-IPCC, li juru l-urġenza estrema li jissaħħaħ ir-rispons globali għat-tibdil fil-klima fil-kuntest tal-iżvilupp sostenibbli u l-isforzi biex jinqered il-faqar;

Li t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni tal-art u d-deżertifikazzjoni huma interkonnessi sew;

Fl-ispeċifità ta' kwistjonijiet relatati mal-foresti fir-reġjuni ultraperiferiċi, fid-dawl tad-periferiċità, id-daqs żgħir, il-klima u s-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, inkluż l-insularità u l-kuntatt mal-pajjiżi sħab;

Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' April 2019 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti u dwar qafas strateġiku ġdid għall-foresti⁸, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa għal strateġija ġdida tal-UE għall-foresti għal wara l-2020;

Li, għalkemm l-UE għandha diversi politiki relatati mal-foresti, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jagħmel l-ebda referenza għal politika forestali komuni tal-UE, u li r-responsabilità għall-foresti taqa' f'idejn l-Istati Membri u li d-deċiżjonijiet u l-politiki kollha relatati mal-foresti fl-UE għandhom jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam;

⁵ <https://ipbes.net/global-assessment-report-biodiversity-ecosystem-services>

⁶ <https://www.ipcc.ch/report/srccl/>

⁷ 12796/1/19 REV 1

⁸ 8609/19

Li l-Istati Membri għandhom jirriflettu wkoll dwar l-użu tal-art u l-ġestjoni tal-foresti tagħhom;

Fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp⁹ il-ġdid, il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-sħubija mġedda mal-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku¹⁰, u dwar ġejjieni Ewropew sostenibbli¹¹;

Fid-diskussjoni fil-Kunsill Agrikoltura u Sajd f'Ottubru 2019 dwar it-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja;

IL-KUNSILL U L-ISTATI MEMBRI

1. JINSABU MĦASSBA ĦAFNA li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti mhumix biżżejjed biex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u JENFASIZZAW li tenħtieġ azzjoni msaħħa tal-UE sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv biex jintlaħqu l-Għanijiet u l-miri ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b'mod partikolari l-mira 15.2, kif ukoll għanijiet u miri globali oħra relatati mal-foresti;
2. JILQGĦU l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja, JAPPROVAW l-oġettivi u l-ambitu tal-Komunikazzjoni, JAPPOĠĠAW l-approċċ tal-Komunikazzjoni li jikkonsisti f'ħames oqsma ta' prijetà u JIMPENJAW RUĦHOM li jaġixxu b'mod konġunt mal-Kummissjoni u atturi oħra fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet proposti fil-Komunikazzjoni għal dawn il-finijiet;
3. JENFASIZZAW l-importanza li tiġi indirizzata l-varjetà ta' muturi diretti u indiretti tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti, li tvarja fost ir-reġjuni, u JIRRIKONOXxu li qed issir sejħa għal attenzjoni partikolari fuq daww il-muturi, peress li attwalment madwar 80 fil-mija tad-deforestazzjoni globali hija kkawżata minn espansjoni agrikola, u l-pessjoni għal espansjoni ulterjuri x'aktarx li tiżdied minħabba popolazzjoni li qed tikber u xejriet ta' produzzjoni u konsum li qed jinbidlu;

⁹ 10108/17

¹⁰ 14770/16

¹¹ 14774/16 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill: 10370/17 tal-20 ta' Ġunju 2017

4. JINKORAĠĠIXXU lill-Kummissjoni biex, bħala kwistjoni ta' urġenza, tipprijoritizza u timplimenta l-azzjonijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni flimkien mal-Istati Membri, l-industrija, l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet, is-soċjetà ċivili u l-pajjiżi sħab bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew;
5. JAPPELLAW għal implimentazzjoni koerenti bejn il-ħames oqsma ta' prijorità tal-Komunikazzjoni kif ukoll politiki u strumenti rilevanti oħra tal-UE, peress li t-tisħiħ tal-konsistenza u l-koerenza fil-politiki tal-UE dwar il-foresti għie identifikat ukoll mill-Kunsill¹² bħala prijorità għall-istrateġija tal-UE għall-foresti wara l-2020;
6. JINNOTAW B'SODISFAZZJON l-approċċ ta' sħubija bħala tema globali fil-Komunikazzjoni, u JENFASIZZAW il-ħtieġa għal koordinazzjoni intensifikata bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-industrija, is-soċjetà ċivili, il-korpi intergovernattivi u l-pajjiżi sħab;
7. JAPPOĠĠAW l-għoti ta' attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-foresti primarji, peress li huma uniċi, insostitwibbli, ta' importanza kruċjali għall-bijodiversità u l-protezzjoni tal-klima u affettwati serjament mid-deforestazzjoni;
8. JENFASIZZAW l-importanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-bniet, il-bdiewa żgħar, in-negozji lokali, il-gruppi vulnerabbli bħall-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u d-drittijiet rispettivi tagħhom, u JFAKKRU f'dan ir-rigward fid-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni (UNDRIP);
9. JENFASIZZAW l-importanza tal-applikazzjoni ta' definizzjonijiet u kunċetti ċari, bħal ktajjen ta' produzzjoni u ta' provvista mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-ħidma eżistenti kif ukoll dik li għadha għaddejjja fi ħdan proċessi u strumenti internazzjonali rilevanti;

It-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-UE fuq l-art

10. JIRRIKONOXxu r-rwol sinifikanti tal-importazzjonijiet tal-UE ta' prodotti agrikoli bażiċi u l-importanza ta' azzjoni msaħħa bil-ħsieb li jiġu żgurati ktajjen ta' valur sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni u JENFASIZZAW l-importanza tas-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-konsum mingħajr deforestazzjoni fl-UE;

¹² Il-Kunsill Agrikoltura u Sajd tal-14 ta' Ottubru 2019

11. JITLOBU li l-Kummissjoni minnufih twettaq il-valutazzjoni ta' miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali min-naħa tad-domanda u tipproduċi l-proposti rispettivi;
12. JIRRIKONOXxu f'dak il-kuntest l-esperjenzi ta' politiki u strumenti eżistenti, bħall-Pjan ta' Azzjoni FLEGT, inkluż ir-Regolament tal-UE dwar l-Injam, li jimplementa approċċ ta' diliġenza dovuta, u r-Regolament tal-Kunsill dwar is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU)¹³ u JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa għal implimentazzjoni msaħħa tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam, u barra minn hekk JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-fattibbiltà ta' opzjonijiet rilevanti oħra bħal, iżda mhux biss, l-applikazzjoni tad-diliġenza dovuta, l-istandard tal-ebda deforestazzjoni, proċeduri ta' akkwist pubbliku mingħajr deforestazzjoni, tipi differenti ta' tikkettar, impenji volontarji tal-industrija, ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi produttori, kif ukoll sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi, inkluż dwar dieti bbilanċjati, tajbin għas-saħħa u nutrittivi u inqas ħela ta' ikel, f'termini ta' produzzjoni u konsum ta' prodotti bażiċi sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni;
13. JISSOTTOLINJAW l-importanza tal-applikazzjoni tal-qafas il-ġdid ta' sostenibbiltà u l-valutazzjoni tal-funzjonament tiegħu kif previst skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli¹⁴ riformulata, inkluż il-kriterji ta' sostenibbiltà tal-bijoenerġija tiegħu, u f'dak il-kuntest JENFASIZZAW l-importanza tal-eżitu tiegħu fir-rigward tad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-telf tal-bijodiversità tal-foresti;
14. IQISU r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-proteini tal-pjanti fl-UE bħala bażi importanti għall-ħidma futura u JAPPELLAW għal ħidma biex b'mod ambizzjuż tiġi żviluppata l-produzzjoni tal-UE ta' proteini u tissaħħaħ il-kompetittività tagħha b'mod ħieles mid-distorsjoni tal-kummerċ;
15. JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa għal żieda fit-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar il-ktajjen tal-provvista kif ukoll dwar standards u skemi ta' ċertifikazzjoni biex prodotti mingħajr deforestazzjoni jiġu identifikati aħjar, promossi u jinxtraw b'mod kosteffikaċi mingħajr ma jitqiegħdu piżijiet finanzjarji u amministrattivi sproporzjonati fuq il-produtturi;

¹³ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat.

¹⁴ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

16. JAPPOĠĠAW l-istabbiliment ta' pjattaforma b'diversi partijiet ikkonċernati mfassla biex tkun interattiva u orjentata lejn is-soluzzjonijiet u li tinkludi l-gvernijiet, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, inkluż minn pajjiżi sħab, u JIKKONFERMAW ir-rieda tal-Istati Membri li jipparteċipaw b'mod attiv fil-pjattaforma;

Ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produttori

17. JAPPOĠĠAW B'MOD SĦIĦ l-approċċ ta' sħubija mal-pajjiżi produttori biex jiġu miġġielda d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u biex jittejjeb l-għajxien billi tiżdied il-produzzjoni agrikola sostenibbli, speċjalment billi tittejjeb il-produttività biex titnaqqas il-konverżjoni tal-art forestali u billi tissaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;
18. JISSOTTOLINJAW li wieħed mill-punti b'saħħithom identifikati tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT tal-UE huwa l-approċċ innovattiv tiegħu li jġib flimkien miżuri min-naħa tad-domanda u min-naħa tal-provvista b'mod li jsaħħu lil xulxin reċiprokament, JITOLBU lill-Kummissjoni tikkunsidra, fil-kuntest ta' appoġġ potenzjali min-naħa tal-provvista għall-pajjiżi produttori, kif l-esperjenza tat-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja tista' tkun applikabbli għal prodotti bażiċi minbarra l-injam;
19. JINKORAĠĠIXXU lill-pajjiżi produttori, jekk ikun meħtieġ, biex jiżviluppaw u jimplimentaw politiki inklużivi, ambizzjużi u ġusti biex jippromwovu azzjoni kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, speċjalment mill-produzzjoni agrikola, f'konformità mat-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli u JIMPENJAW RUĦHOM li jaħdmu ma' pajjiżi sħab għal dak il-għan;
20. JAFFERMAW MILL-ĠDID il-hteġa għal aktar appoġġ għal pajjiżi sħab, u JAPPELLAW għal użu mtejjeb tal-istrumenti u s-sħubiji eżistenti, bħall-Pjan ta' Investiment Estern tal-UE u l-fokus tiegħu fuq l-Afrika għal investiment u impjiegi sostenibbli, b'mod li jindirizza l-hteġa għal appoġġ intensifikat għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-protezzjoni, l-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni u r-restawr tagħhom, u t-tisħiħ tal-ħolqien tal-impjiegi, kif ukoll ta' metodi u approċċi, bħalma huma l-agroforestrija u t-tħawwil ta' siġar barra l-foresti, l-appoġġ għal produzzjoni agrikola sostenibbli, aktar effiċjenti u mingħajr deforestazzjoni;

Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali

21. JAPPOĠĠAW il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u ktajjen ta' provvista sostenibbli ta' prodotti bażiċi agrikoli sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni flimkien mal-Istati Membri u JENFASIZZAW li huma meħtieġa aktar sforzi biex tissaħħaħ il-koerenza u l-effettività tal-politika internazzjonali dwar il-foresti kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali mill-UE u l-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' kwistjonijiet marbutin mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;
22. JAPPOĠĠAW l-applikazzjoni ta' approċċi integrati transsettorjali u l-approċċ nexus għall-implimentazzjoni;
23. JISSOTTOLINJAW l-importanza tal-involviment ta' pajjiżi u organizzazzjonijiet rilevanti fi djalogi bilaterali u multilaterali sabiex tissaħħaħ l-azzjoni globali kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, inkluż fir-rigward ta' ktajjen ta' provvista sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni;
24. IĦEĠĠU lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Istati Membri biex b'mod konġunt jintensifikaw id-djalogu politiku mal-pajjiżi konsumaturi rilevanti bil-għan li jiġu miġġielda d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti kif ukoll jiġu promossi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-konservazzjoni u r-restawr tal-foresti;
25. IFAKKRU fl-importanza li jingħata appoġġ kontinwu għall-implimentazzjoni tar-REDD+, u JAPPELLAW biex jiġi ċċarat ir-rwol tiegħu fir-rigward tal-azzjonijiet proposti fil-Komunikazzjoni;
26. JISSOTTOLINJAW l-importanza tat-tisħiħ tal-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE;
27. JAPPELLAW lill-Kummissjoni biex tieħu kont aħjar tal-kwistjoni tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (SIAs), biex tippubblikahom qabel ma jiġu konklużi n-negożjati u biex jiġu integrati aktar id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fil-valutazzjonijiet ex-post;

28. JIRRAKKOMANDAW li, għall-ftehimiet kummerċjali komprensivi ġodda kollha rilevanti tal-UE, jiġu proposti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u l-prodotti agrikoli bażiċi sostenibbli u mingħajr deforestazzjoni bil-għan li jgħinu biex jiġu evitati d-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti u li tiġi promossa mġiba kummerċjali responsabbli u JENFASIZZAW l-importanza li jiġi inkluż l-impenn għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE;
29. JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa li tissaħħa l-implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet u d-dispożizzjonijiet internazzjonali kollha li jikkontribwixxu għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti tad-dinja u l-bijodiversità tagħhom, speċjalment il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KBD), il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Ftehim ta' Pariġi tagħha, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD) u l-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti;
30. Filwaqt li jieħdu kont tal-vantaġġi tar-reġjuni ultraperiferiċi, JISSOTTOLINJAW il-ħtieġa li tissaħħa il-kooperazzjoni internazzjonali, li titrawwem il-kooperazzjoni u r-riċerka eżistenti għall-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli ta' dan il-wirt uniku għall-Ewropa u d-dinja u li jiġu indirizzati l-isfidi reġjonali speċifiċi, inklużi dawk marbuta mal-Amazżonja;
31. JIRRIKONOXxu l-esperjenzi ta' inizjattivi tas-settur privat għal ktajjen ta' provvista sostenibbli u JINKORAĠĠIXxu lis-settur privat biex jadotta u, fejn adatt, jespandi l-azzjoni volontarja u l-prattiki kummerċjali responsabbli rikonoxxuti internazzjonalment li għandhom l-għan li jindirizzaw id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;
32. JAPPELLAW Għall-implimentazzjoni mtejbja tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES)¹⁵, li tippromwovi wkoll il-konservazzjoni ta' speċijiet forestali fil-periklu billi tikkontrolla l-kummerċ tagħhom u għalhekk għandha rwol importanti fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;

¹⁵ Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu https://ec.europa.eu/environment/cites/trafficking_en.htm

Riorjentazzjoni tal-finanzjament lejn prattiki tal-użu tal-art sostenibbli

33. JENFASIZZAW l-importanza li jiġi mobilizzat finanzjament adegwat mis-sorsi rilevanti kollha biex tiżdied l-azzjoni għall-protezzjoni u r-restawr tal-foresti tad-dinja permezz ta' agrikoltura sostenibbli, ġestjoni sostenibbli tal-foresti inkluż il-protezzjoni tal-foresti, l-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni u r-restawr, l-enerġija rinnovabbli sostenibbli kif ukoll l-użi integrati tal-art bħala mezz biex jiġu miġġielda d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;
34. JINNOTAW il-progress li sar fir-rigward tal-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzjament Sostenibbli;
35. JIRRIKONOXxu r-rwol importanti li diġà għandhom xi istituzzjonijiet finanzjarji fl-abilitazzjoni tal-iżvilupp ta' investimenti u prattiki kummerċjali fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni, ir-restawr u l-protezzjoni tal-foresti, JINKORAĠĠIXXU lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiżviluppaw għodod u l-għbir ta' data biex il-portafoll tagħhom isir aktar trasparenti fir-rigward tal-konverżjoni ta' foresti u ekosistemi oħra fużu ieħor tal-art;
36. JISTIEDNU lis-settur privat biex iżid it-trasparenza fir-rapportar korporattiv dwar ir-responsabbiltajiet soċjali u ambjentali;

Appoġġ għall-informazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni

37. JENFASIZZAW il-ħtieġa li jittejbu l-monitoraġġ u d-disponibbiltà ta' data u informazzjoni affidabbli permezz tal-użu tal-aħħar teknoloġija u għodod diġitali u abbażi ta' skemi ta' monitoraġġ eżistenti, u JENFASIZZAW il-ħtieġa għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-monitoraġġ u l-ippjanar tal-foresti kif ukoll għat-tnejjija tal-inventarji tal-gassijiet b'effett ta' serra, speċjalment għas-setturi tal-użu tal-art;
38. JAPPELLAW għal azzjoni ta' tisħiħ u żvilupp tas-sistemi ta' data eżistenti, bħal dawk ipprovduti mill-Eurostat, l-Istati Membri tal-UE, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO) u l-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), b'mod partikolari permezz tal-Kwestjonarju Konġunt dwar is-Settur Forestali annwali tagħhom, kif ukoll sorsi oħra, u biex issir kondiviżjoni tad-data dwar l-importazzjoni tal-UE permezz tal-iżvilupp ta' sħubija doganali tal-UE, sabiex tiżdied it-trasparenza tul il-ktajjen tal-provvista;

39. JILQGĦU l-objettiv li jitwaqqaf osservatorju tal-UE, JITOLBU li l-Kummissjoni tiżviluppa l-kontenut tal-osservatorju tal-UE b'mod koerenti mal-għodod eżistenti u l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ diġà disponibbli u mingħajr duplikazzjoni tagħhom, u JISTIEDNU lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-fattibbiltà tiegħu, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji u amministrattivi ta' mekkaniżmu ta' twissija bikrija sabiex jiġu notifikati l-konsumaturi, l-awtoritajiet pubbliċi u l-kumpanniji li jkunu jakkwistaw prodotti bażiċi minn żoni f'riskju ta' deforestazzjoni;
40. JINKORAĠĠIXXU lill-Istati Membri, permezz ta' programmi nazzjonali u tal-UE, biex jikkontribwixxu għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati mal-ippjanar integrat tal-użu tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti inklużi l-afforestazzjoni, ir-riforestazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni, ir-restawr, kif ukoll l-agroforestrija u l-produzzjoni agrikola sostenibbli;

Segwitu

41. JAQBLU li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-azzjonijiet tal-Komunikazzjoni, u JAPPELLAW lill-Kummissjoni biex tinkludi l-azzjonijiet ta' segwitu proposti fil-Komunikazzjoni fil-Programm ta' Ħidma tagħha (2019-2024);
42. JISTIEDNU lill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex tiżviluppa pjan direzzjonali għas-segwitu konġunt mill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar l-azzjonijiet proposti fil-Komunikazzjoni, b'mod partikolari billi jiġu stabbiliti miri ċari sal-ewwel semestru tal-2020 li għandhom jinkisbu f'termini ta' ħidma ma' pajjiżi sħab u appoġġ għalihom;
43. JITOLBU lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar is-segwitu tal-Komunikazzjoni, l-azzjonijiet tagħha u dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill;
44. JISTIEDNU lis-settur privat u lis-soċjetà ċivili biex jikkontribwixxu wkoll għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Komunikazzjoni.